# Sommarju Mhux Tekniku (SMT) dwar Studju tal-Impatt Ambjentali ta' Faċilita' ġdida għal-Irkupru tal-Iskart

WASTESERV MALTA LIMITED

CT2050/2019

SERVICE TENDER FOR THE ENGINEERING, PROCUREMENT AND CONSTRUCTION OF A NEW MATERIALS RECOVERY FACILITY

AIS REF. NO: PRJ-ENV483
Il-ĦAMES VERZJONI
DATA TA' PUBLIKAAZJONI
16 TA' LULJU 2026

ENVIRONMENT & DESIGN CONSORTIUM

## STORJA TAR-REVIŻJONI TAD-DOKUMENT

| DATA | REVIŻJONI | KUMMENTI | AWTURI/KONTRIBUTUR I |
|---|---|---|---|
| 17/06/2024 | 1.0 | L-Ewwel Abbozz | Environment & Design |
| 09/08/2024 | 2.0 | It-Tieni Abbozz | |
| 12/06/2025 | 3.0 | It-Tielet Abbozz | |
| 30/03/2026 | 4.0 | Ir-Raba' Abbozz | |
| 16/07/2026 | 5.0 | Il-Ħames Abbozz | |

## DISCLAIMER

This report has been prepared by E&D Consortium with all reasonable skill, care and diligence, and taking account of the manpower and resources devoted to it by agreement with the client. Information reported herein is based on the interpretation of data collected and has been accepted in good faith as being accurate and valid.

This report is for the exclusive use of Wasteserv; no warranties or guarantees are expressed or should be inferred by any third parties. This report may not be relied upon by other parties without written consent from E&D Consortium. E&D Consortium disclaims any responsibility to the client and others in respect of any matters outside the agreed scope of the work.

# TABLE OF CONTENTS

**1.0 Deskrizzjoni Tal-Iżvilupp Propost** .......... **1**

1.1 Karatteristiċi Fiżiċi .......... 1

1.2 Ġestjoni Tal-Iskart .......... 2

**2.0 Valutazzjoni Ta' Alternattivi** .......... **3**

2.1 Xenarju Eżistenti .......... 3

2.2 Tnaqqis mid-daqs tal-proposta .......... 3

2.3 Siti differenti .......... 3

2.4 Disinji alternattivi .......... 4

**3.0 Karatteristiċi U Użi Tal-Art U L-Baħar Tal-Madwar** .......... **5**

**4.0 Il-pajsaġġ u l-valutazzjoni tal-impatti viżivi** .......... **6**

**5.0 Ġeoloġija, Ġeomorfoloġija, Idroġeoloġija U Ħamrija** .......... **7**

**6.0 Korpi tal-Ilma** .......... **8**

**7.0 Ekoloġija** .......... **9**

**8.0 Agrikoltura** .......... **11**

**9.0 Arkeoloġija U Wirt Kulturali** .......... **12**

**10.0 Storbju u vibrazzjoni** .......... **13**

**11.0 Infrastruttura U Utilitajiet** .......... **14**

**12.0 Impatti Oħrajn** .......... **15**

12.1 Tibdil fil-klima u adattament għall-bidla fil-klima .......... 15

12.2 Riskji Ambjentali .......... 15

12.3 Populazzjoni umani .......... 16

12.4 Dekummissjonar tal-proġett .......... 16

# TABLE OF FIGURES

**Figure 1: Is-sit tal-iżvilupp........................................................................................1**

# TABLE OF TABLES

No table of figures entries found.

# 1.0 DESKRIZZJONI TAL-IŻVILUPP PROPOST

Dan is-Sommarju Mhux Tekniku jiddeskrivi s-sejbiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) li saru fir-rigward t'applikazzjoni tal-iżvilupp EA/00042/20. L-"Iskema", tinvolvi il-kostruzzjoni ta' faċilita' ġdida għar-rekupru tal-iskart ġewwa l-kumpless ECOHIVE (Figure 1).




Figure 1: Is-sit tal-iżvilupp

## 1.1 Karatteristiċi Fiżiċi

Is-sit jinstab fil-periferija tal-Magħtab, lejn il-Lvant tal-miżbla taż-Żwejra. Is-Sit jifforma parti mill-Kumpless Ambjentali tal-Magħtab (magħruf ukoll bħala ECOHIVE Complex), immexxi mill-Wasteserv. Iż-żona hija ddominata minn diversi faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart fosthom impjanti tar-riċiklaġġ, il-miżbliet taż-Żwejra u l-Għallis, flimkien ma' żoni kummerċjali, industrijali u residenzjali oħra fil-madwar.

Id-daqs tas-sit allokat għall-iżvilupp huwa ta' madwar 21,373m$^2$, fejn il-bini tal-faċilita' mistenni jokkupa 11,900m$^2$. Faċilitajiet li mhumiex involuti fl-ipproċessar tal-iskart bħaż-żoni tal-ikel għall-ħaddiema u żoni t'akkoljenza għandhom jokkupaw mal-400m$^2$, filwaqt li l-5,500m$^2$ li jifdal mis-sit għandhom jintużaw għall-aċċess tal-vetturi.

L-iżvilupp ta’ din il-faċilità huwa kruċjali għall-isforzi ta’ Malta biex jitnaqqas l-użu tal-miżbliet u jitjiebu r-rati ta’ riċiklaġġ. Dan il-proġett jappoġġja il-miri nazzjonali ta’ riċiklaġġ ta’ 60% sal-2030 u 65% sal-2035, f’konformità mad-direttivi tal-Kummissjoni Ewropea. Infatti minn April 2023, is-separazzjoni tal-iskart sar legalment meħtieġ u applikkabli għall-entitajiet kollha, inkluż in-negozji u d-djar (S.L.549.40).

Din il-faċilita' se tamministra materjali riċiklabbli separati bħall-karti, il-kartun, il-plastik, u l-metalli, li huma magħżula mill-borża il-griża u sorsi oħrajn. L-ipproċessar ta' tali materja prima jista’ jseħħ permezz ta' proċess awtomatizzat, li jwassal għall-irfinar u l-estrazzjoni ta' materjali li huma riċiklabbli. Għaldaqstant, l-investiment f’din il-faċilità huwa mistenni li jirriżulta f’materjali riċiklati ta’ kwalità għolja.

Il-ħtieġa għal dan il-proġett toriġina miż-żidiet li huma mistennija fil-produzzjoni tal-iskart minħabba l-iżvilupp ekonomiku u t-tkabbir tal-popolazzjoni, kif ukoll l-ħtieġa li jiġu aġġornati l-faċilitajiet tal-immaniġġjar tal-iskart. Sal-2030, il-faċilita' mistennija li tipproċessa madwar 70,000 tunnellata ta’ skart riċiklabbli kull sena. Dan se jinvolvi madwar 160 vjaġġ bil-vetturi tal-iskart, fil-ġimgħa.

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq din il-binja għandhom jinqasmu f'ħames fażijiet distinti:

- Fażi 1: Tħaffir u Preparazzjoni tas-Sit
- Fażi 2: Tħaffir u Fondazzjonijiet tal-Bini
- Fażi 3: Mili lura tas-Sit
- Fażi 4: Tisbiħ tal-pajsaġġ
- Fażi 5: Bini tal-istruttura

Il-faċilita' se tkun iddisinjata biex topera għal ħajja ta' 20 sena. Aġġornamenti teknoloġiċi se jkunu meħtieġa biex tiġi estiża għal aktar fit-tul il-ħajja tal-faċilità.

## 1.2 Ġestjoni Tal-Iskart

L-ammont ta' skart skavat waqt il-fażi ta’ kostruzzjoni huwa mistenni li jkun madwar 51,500m$^3$. Porzjon sinifikanti ta' dan il-materjal (21,500m$^3$) se jkun qiegħed jintuża sabiex jerġa' jimtela s-sit sal-livell tal-art.

Waqt il-fażi tal-operat, għandhom jiġu ġġenerati kwantitajiet minimi ta' skart. Dan se jkun limitat għal skart mill-manutenzjoni tal-faċilita' u skart iġġenerat mill-uffiċini tal-ħaddiema. It-tip u l-kwantitajiet ta' skart se jiddependu mix-xogħol ta' manutenzjoni meħtieġ u għalhekk huwa diffiċli li jiġi speċifikat u kwantifikat f'dan il-punt.

# 2.0 VALUTAZZJONI TA' ALTERNATTIVI

## 2.1 Xenarju Eżistenti

Malta għanda l-obbligu li tilħaq rata ta’ riċiklaġġ ta’ 60% sal-2030. Sfortunatament, miri passati ma nltaħħqux. Sabiex Malta tilħaq il-miri tal-UE, il-bini ta’ faċilità għall-irkupru tal-materjal riċiklabbli hija essenzjali. Dan il-pjan huwa appoġġjat mill-Pjan Nazzjonali ta’ Ġestjoni tal-Iskart fit-Tul 2021-2030, li jimmira għal rata ta’ riċiklaġġ ta’ 60% sal-2030. Mingħajr dan il-proġett, Malta ma tkunx tista’ tissodisfa l-obbligi tagħha ta’ riċiklaġġ.

## 2.2 Tnaqqis mid-daqs tal-proposta

Id-disinn tal-faċilita' iffaċċja sfidi tekniċi minħabba in-nuqqas ta’ spazju ġewwa s-sit. L-impjant ġie ottimizzat sabiex il-ħtiġijiet operattivi ikunu jistgħu jintlaħqu fid-dimensjonijiet tas-sit. It-tnaqqis ta' kwalunkwe parti mill-impjant mhuwiex possibbli mingħajr ma taffettwa b’mod negattiv lill-prestazzjoni tar-riċiklaġġ tal-iskart. Kull spazju żejjed fl-impjant se jkun riżervat għall-aġġornamenti futuri fit-teknoloġija tar-riċiklaġġ, bħal pereżempju xi żieda fis-sistemi t’awtomazzjoni. Dawn l-avvanzi se jkunu evalwati għall-ispiża u l-affidabbiltà biex jiżguraw li jkunu jistgħu jtejbu l-kwalità tal-materjali riċiklati.

## 2.3 Siti differenti

Is-sit tal-MRF propost fi ħdan il-kumpless ECOHIVE kien diġà determinat fil-Pjan Nazzjonali Ta’ Malta Ta’ Ġestjoni Ta’ Skart Għall-2021-2030. Erba' siti alternattivi ġew studjati:

- Sit 1: Fil-Grigal tal-faċilità tal-inċineratur
- Sit 2: Fil-Punent tal-miżbla taż-Żwejra
- Sit 3: Fil-Lvant tal-miżbla taż-Żwejra
- Sit 4: Sostituzzjoni tal-impjant ta Sant’ Antnin

Is-sit numru 4 mhux adattat minħabba restrizzjonijiet ta’ spazju, kwistjonijiet ta’ traffiku, u l-prossimità tiegħu għal żoni residenzjali. Is-siti 1 u 2 kellhom ukoll żvantaġġi sinifikanti, bħall-ħtieġa għal xogħlijiet sostanzjali fit-toroq u l-qrubija tagħhom għal żoni residenzjali.

Is-sit numru 3 ġie identifikat bħala l-aktar post adattat minħabba l-prossimità tiegħu għal faċilitajiet oħra ta’ trattament tal-iskart, kif ukoll minħabba l-limitazzjoni t’inkonvenjenti soċjali u impatti ambjentali. Dan is-sit jippermetti wkoll li jsir disinn iktar ottimzzat biex jonqsu l-impatti viżwali u l-impatt fuq l-art agrikola.

## 2.4 Disinji alternattivi

It-tqassim tal-faċilita' jista' jsir b'mod lineari, ċentralizzat jew modulari. F'tqassim lineari, l-istadji tal-proċess ta' riċiklaġġ huma rranġati f'linja dritta, bl-iskart jiċċaqlaq miż-żona li tirċievi l-iskart għaż-żona tal-ħażna b'mod sekwenzjali. Faċilita' b'tqassim ċentralizzat għandha t-tagħmir kollu tal-ipproċessar imqiegħed f'żona waħda, b'materjali li jiċċaqalqu lejn u minn dan il-post ċentrali, u stazzjonijiet iżgħar tal-issortjar imxerrda madwar. Faċilita' b'tqassim modulari juża unitajiet prefabbrikati li jistgħu jiġu rranġati mill-ġdid kif meħtieġ. Dan l-approċċ modulari intgħażel għall-faċilita' proposta minħabba restrizzjonijiet ta' spazju li jinkludi kompartimentalizzazzjoni sabiex jintlaħqu miżuri stretti ta' sigurtà tan-nirien.

# 3.0 KARATTERISTIĊI U UŻI TAL-ART U L-BAĦAR TAL-MADWAR

Is-sit jinstab f'art agrikola b'siġar baxxi u fdalijiet ta' veġetazzjoni lokali, li jinkludi fih għelieqi mtarrġa separati b'ħitan tas-sejjieħ. Dawn il-ħitan huma protetti taħt ir-regolamenti lokali. L-għelieqi mtarrġa jinżlu 'l isfel f'direzzjoni lejn il-kosta ta' Qalet Marku.

Fil-qrib tas-sit wieħed jsib il-miżbliet tal-Għallis u taż-Żwejra. L-impjant ta' Diġestjoni Anaerobika jinsab biss 100 metru 'il bogħod mis-sit, lejn it-Tramuntana. Lejn il-Lvant, l-art tikkonsisti f'biċċiet agrikoli żgħar. It-triq li tipprovdi aċċess għas-sit tgħaddi tul in-naħat tan-nofsinhar u tal-punent tas-sit. Mogħdija fil-ħamrija tgħaqqad it-triq tal-kumpless mas-sit innifsu.

L-iżvilupp f'dan is-sit se jibdel b'mod permanenti l-użu attwali tal-art minn żoni agrikoli u naturali għal art industrijali, li jnaqqas l-ispazju okkupat minn natura, il-ħitan tas-sejjieħ, u l-art agrikola. Din il-bidla hija meqjusa bħala waħda negattiva b'mod sinifikanti. Madankollu, l-impatt fuq is-siġar se jittaffa daqxejn billi tiġi inkluża żona ta' pajsaġġ b'tħawwil t'uħud mis-siġar li jinstabu fis-sit oriġinali.

Bidliet temporanji fl-użu tal-art se jseħħu wkoll waqt il-kostruzzjoni għall-ħażna tal-materjali u l-għoti t' aċċess għall-vetturi u l-ħaddiema tal-kostruzzjoni. Dawn l-impatti huma mistennija li jkunu minuri u riversibbli meta jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni xierqa.

Trab mill-kostruzzjoni, speċjalment waqt it-tħaffir u l-mili mill-ġdid tas-sit, jista' jaffettwa temporanjament l-art agrikola, is-siġar u t-toroq fil-qrib, u potenzjalment inaqqas ir-rendiment tal-għelieqi. Dan l-impatt minuri u temporaniju jista' jittaffa kemmxejn permezz ta' strutturi temporanji (*hoarding)* mal-perimetru tas-sit li jikkontjenu t-trabijiet li jiġu ġġenerati.

Waqt li tkun qed topera il-faċilita' l-ġdida, l-użu tal-art jista' jiġi affettwat ukoll minn inċidenti rari bħal tixrid ta' fjuwil jew nirien. Dawn ir-riskji huma ta' probabbiltà baxxa iżda jista' jkollhom konsegwenzi kbar. Bi pjan ta' rispons għal każijiet t'emerġenza, dawn l-impatti jistgħu jittaffew u jonqsu għal livell minuri.

# 4.0 IL-PAJSAĠĠ U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI VIŻIVI

L-attivitajiet ta' kostruzzjoni se jkunu notevoli mis-seba' perspettivi kollha li ġew vvalutati. Krejnijiet kbar, makkinarju tat-tħaffir, *fencing*, u ħażniet ta' materjali se jkollhom impatt negattiv fuq il-pajsaġġ viżwali, bis-severità tvarja minn skala moderata għal maġġuri. Perspettivi fil-qrib tas-sit, speċjalment VP3 u VP4, se jkollhom impatt qawwi tal-kostruzzjoni minħabba veduti fuq distanza qasira. VP1 u VP7 se jesperjenzaw ukoll impatti sinifikanti minħabba li l-punti ta' vantaġġ tagħhom faċilment jikxfu makkinarju għoli li jaqsam il-veduta tal-orizzont. Perspettivi 2, 5, u 6 se jesperjenzaw inqas impatt, peress li l-art imħattba u l-ħitan, siġar, jew strutturi eżistenti jipprovdu lqugħ li jaħbu xi attivitajiet ta' kostruzzjoni. Madankollu, l-impatt f'dawn il-perspettivi għadu fuq skala moderata.

Erba' perspettivi (VP1, 2, 6, u 7) jaqgħu f'żoni ta' sensittività għolja tal-pajsaġġ skont il-Pjan Lokali ta' Malta Ċentrali. Il-kostruzzjoni simultanja ta' diversi faċilitajiet tal- immaniġjar tal-iskart mill-Wasteserv se tkompli tnaqqas il-kwalità tal-pajsaġġ, speċjalment fuq l-art agrikola. L-impatt tal-kostruzzjoni minn dawn iż-żoni sensittivi huwa meqjus bħala negattiv b'mod sinifikanti.

Il-bini tal-faċilita' se jibdel il-pajsaġġ b'mod sinifikanti meta wieħed josserva l-binja minn diversi perspettivi. Id-daqs u l-massa tal-bini se jkollhom impatt dirett fuq l-inħawi immedjati, għalkemm il-prominenza tiegħu jonqos meta mqabbel mal-faċilitajiet tal-inċineratur u l-impjant tal-iproċessar tal-iskart organiku fil-qrib. F' Perspettiva 1, il-faċilita' proposta se toskura parzjalment veduti tal-baħar meta wieħed iħares mill-bogħod. Dan l-impatt huwa meqjus bħala negattiv minuri. Perspettivi 2 u 3 jipprovdu veduti eqreb tal-impjant. Minkejja d-daqs tiegħu, l-impjant propost ma jispikkax meta kkomparat mal-infrastruttura eżistenti u dik proposta, biex b'hekk l-impatti huma klassifikati bħala negattivi fuq skala minuri sa moderati.

Perspettivi 4 u 5 se jesperjenzaw impatti negattivi sinifikanti minħabba d-daqs tal-impjant propost u d-dehra industrijali fil-kuntest tal-impjanti l-oħra proposti mill-applikant f'din iż-żona. Perspettivi 6 u 7 joffru panorami usa' tal-kumpless ECOHIVE, fejn l-impjant propost huwa integrat ma' strutturi oħra iżda xorta jispikka minħabba l-iskala tiegħu.

Filwaqt li l-impjant propost ma jinsabx f'żona ta' pajsaġġ sensittiva, it-tħaddim konkorrenti ta' faċilitajiet ta' skart f'din iż-żona tal-Magħtab se tiddegrada l-kwalità tal-pajsaġġ, minħabba li se tkun qed tittieħed l-art agrikola tal-madwar tal-miżbla.

It-tniġġis tad-dawl matul il-fażi operattiva tal-impjant ġie studjat ukoll, iżda kkategorizzat bħala impatt negattiv minuri grazzi għall-implementazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni dwar l-użu tad-dawl. Dawn jinkludu l-installazzjoni ta' dawl xieraq biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil għal annimali tal-madwar u r-residenti fil-qrib matul il-lejl.

# 5.0 ĠEOLOĠIJA, ĠEOMORFOLOĠIJA, IDROĠEOLOĠIJA U ĦAMRIJA

Iż-żona ta’ studju tinkludi art agrikola baxxa u wiesa' li tinsab fil-qiegħ ta' għoljiet tal- miżbla tal-Magħtab. Din l-art titla' minn madwar 40 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar u tilħaq għoli ta' madwar 100 metru. Din l-art għandha sura ta’ għolja għat-tond u testendi max-xatt ta’ Baħar iċ-Ċagħaq u l-Għallis. Hija kkaratterizzata minn karatteristiċi ġeomorfoloġiċi distinti fosthom is-sarġ f’Ta’ San Pietru, l-artijiet għolja Il-Qadi – Ta’ Ħammud, Wied Għallis, Wied ta’ Kieli, bajja zgħira ta’ Qalet Marku, u l-kosta ta’ Baħar iċ-Ċagħaq – Għallis.

Il-ġeoloġija taż-żona tinkludi il-ġebla tal-franka, speċifikament il-Globigerina t'isfel u ż-Żonqor, speċifikament tal-Kollalina t'isfel. Il-Ġebla tal-Globigerina t'isfel tappoġġja saff ta’ ħamrija magħrufa bħala il-kumpless tal-Inglin, li tagħmilha adattata għal art agrikola mtarrġa. Il-Korallina t’isfel tifforma pajsaġġ ta’ blat mixkuf mingħajr kopertura tal-ħamrija. Il-miżbla, li tifrex madwar 500,000 metru kwadru, diġà ttrasformat il-ġeomorfoloġija taż-żona, u tħaffir ulterjuri tal-proġett x'aktarx se jkompli din id-degradazzjoni. *Fault line* prominenti jgħaddi minn taħt il-miżbla, b’*faults* addizzjonali osservati tul it-Triq tal-Kosta

Waqt l-iskavar tal-faċilita' proposta, l-emissjonijiet tat-trab huma ta’ tħassib, b’mod partikolari fi ġranet niexfa u bir-riħ, peress li jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq il-kosta, l-ilmijiet kostali, u s-sit tal-Għadira S-Safra. Barra minn hekk, il-ġebel skavat jista' jinxtered waqt it-trasport, u dan jeħtieġ li t-trakkijiet ma jimtlewx iżżejjed u li jintużaw għotjin protettivi biex l-emissjonijiet tat-trab jonqsu. It-tħaffir jista' jwassal għal kwistjonijiet ta' stabbiltà minħabba ġonot li jaqsmu fil-blat, u joħolqu ġonot instabbli li jistgħu jitfaċċaw waqt l-iskavar. Il-ġestjoni ta' dawn ir-riskji ta' stabbiltà fil-blat teħtieġ monitoraġġ u interventi f'waqthom.

Biex jiġu ġestiti b'mod effettiv dawn l-isfidi ambjentali, huwa kruċjali li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jsegwu regolamenti ambjentali stretti u l-aħjar prattiki. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa ta' kontroll tas-sedimenti u l-erożjoni, l-użu ta' ċnut tal-ħama, il-ġestjoni tat-tnixxija tal-ilma tax-xita, u ż-żamma tas-sit ta' kostruzzjoni ġestit b’mod tajjeb. L-instabilità tal-wiċċ tal-blat għandha tittaffa permezz ta’ monitoraġġ kontinwu u miżuri proattivi biex tiġi indirizzata kwalunkwe kundizzjoni instabbli. Dawn l-isforzi huma essenzjali biex jiġu protetti l-ekosistemi kostali u agrikoli li jinsabu fiż-żona.

# 6.0 KORPI TAL-ILMA

Il-karatteristiċi idroloġiċi madwar is-sit jinkludu l-baċin ta’ Wied Ta’ Kieli, l-ilmijiet kostali fil-qrib, l-akwifer tal-livell medju tal-baħar, boreholes tal-ilma privati u pubbliċi. L-impatti ambjentali mill-kostruzzjoni u l-operat tas-sit jinkludu riskji ta’ kontaminazzjoni tal-akwifer tal-livell medju tal-baħar, id-degradazzjoni tal-ilmijiet kostali, u t-telf ta’ tnixxija naturali.

Matul il-kostruzzjoni, attivitajiet bħat-twaqqigħ ta' strutturi eżistenti, tħaffir ta' blat, u kostruzzjoni ta' strutturi ġodda jistgħu jirrilaxxaw trab u partiċelli fini fl-ambjent. Il-ħażna ta' materjal tal-ġebel skavat u l-ħamrija tista' wkoll tikkontribwixxi għat-tixrid tat-trab, b'mod partikolari f’ġranet ta’ riħ qawwi jew ta’ xita. Biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-korpi tal-ilma, sustanzi u kimiċi perikolużi m'għandhomx jiġu wżati fuq is-sit mingħajr miżuri ta’ kontroll. L-użu ta' makkinarju u vetturi kbar ukoll jista' jiġġenera trab u emissjonijiet, u b'hekk ikollu impatt negattiv fuq it-tnixxija u l-ilmijiet kostali. Il-pavimentar tas-sit se jittrasforma l-art eżistenti għal waħda impermeabbli, iżid it-tnixxija tal-ilma u jnaqqas ir-rikarigu tal-akwifer tal-livell medju tal-baħar. Barra minn hekk, l-użu ta' pestiċidi u fertilizzanti għas-siġar li se jiġu mħawwla jista' jikkontamina l-akwifer, li diġà huwa affettwat mit-tniġġis tan-nitrat.

Biex jittaffew dawn l-impatti, jistgħu jiġu implimentati diversi miżuri ta' soppressjoni tat-trab, bħall-użu ta' ċnut tal-ħama, il-ġbir ta' partikuli fini waqt ix-xogħolijiet, il-kisi ta' materjali maħżuna, u l-bexx tal-ilma kkontrollat fiż-żoni tax-xogħlijiet. Matul il-fażi operattiva tal-impjant, spezzjonijiet regolari tal-effluwenti jistgħu jgħinu biex jipprevjenu tnixxijiet aċċidentali fl-ilmijiet kostali. L-iżvilupp huwa mistenni li jirriżulta f'tnixxija għolja u *recharge* negliġibbli tal-akwifer, li jista' jiggrava l-intrużjoni tal-ilma mielaħ fl-akwifer u jaffettwa b'mod negattiv il-korpi tal-ilma terrestri fil-qrib. Il-ġbir ta' ilma tat-tnixxija mhux ikkontaminat għall-irrigazzjoni jista' jappoġġja indirettament l-iċċarġjar tal-akkwifer, li jikkumpensa għall-impermeabilità tas-sit.

L-analiżi tal-kontaminazzjoni tal-ilma ta’ taħt l-art stabbilixxiet punt ta’ referenza għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma fil-futur. L-aderenza mar-regolamenti ambjentali u l-aħjar prattiċi hija kruċjali biex jittaffew l-impatti tal-proġetti ta’ kostruzzjoni. Miżuri xierqa ta' kontroll tas-sediment u l-erożjoni, ġestjoni tal-ilma tax-xita, u ġestjoni adegwata tas-sit huma essenzjali biex jiġi evitat it-tniġġis tal-kopri tal-ilma. Spezzjonijiet perjodiċi tas-sistemi tad-drenaġġ jiżguraw li ma jkunx hemm tnixxijiet aċċidentali. L-immaniġġjar tal-iskart f'sistema magħluqa b'art impermeabbli jipprevjeni wkoll skariki fil-blat ta' taħt il-faċilita' jew fl-inħawi. Verifiki regolari tal-effluwenti u s-sistemi tar-rimi tal-iskart jgħinu biex jiżguraw li l-ebda sustanza li tagħmel il-ħsara ma tnixxi fl-art.

# 7.0 EKOLOĠIJA

Il-proġett jeħtieġ li jitneħħew diversi siġar u l-veġetazzjoni li jinstabu fis-sit, li jaffettwa madwar 244 siġra protetta. Dan se jkun qed jikkawża impatt maġġuri negattiv. Siġar maturi jistgħu jitmexxew lejn in-naħa tal-punent tas-sit, li se tinkorpora fiha żona ta' pajsaġġ ġdida ta' madwar 2,690 metru kwadru. Jekk is-siġar jiġux rilokati jew imneħħija jiddependi fuq il-fond tal-ħamrija, u l-ispeċi involuti. F'każ li l-ħamrija tkun baxxa wisq biex jinqalaw l-għeruq tas-siġar b'mod sikur, is-siġar ikollhom jitneħħew minħabba ċansijiet baxxi ta' sopravivenza.

Il-kumpens tas-siġar għandu jsegwi l-linji gwida maħruġa mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Dan jinvolvi t-tħawwil ta' speċi tipiċi tal-makkja u abitati lokali oħrajn li jinsabu fis-sit jew fil-qrib. It-tħaffir jista' wkoll jikkawża trab u storbju li jaffettwa l-ekoloġija tal-madwar, li tirriżulta f'impatt negatti minuri. Dan jista' jiġi ġestit permezz ta' strutturi temporanji (*hoarding*) madwar is-sit, faċilitajiet tal-ħasil tar-roti tal-vetturi tal-kostruzzjoni, u t-tixrib regolari tal-materjali esposti li jintużaw fis-sit. It-tnixxija tal-ilma tax-xita mis-sit tal-kostruzzjoni tista' toħloq ukoll impatti ħżiena minuri fuq iż-żoni ekoloġiċi tal-madwar jekk din ma tiġix miżmuma.

Matul il-kostruzzjoni, diversi territorji tat-tgħammir tal-Bufula Sewda (għasfur) u tal-Bufula ta' l-imrewħa (għasfur) jistgħu jiġu mfixkla jew mitlufa jekk ix-xogħol iseħħ bejn Marzu u Awwissu. Barra minn hekk, pari tal-Merill jistgħu jiġu mfixkla jekk ix-xogħol iseħħ bejn Marzu u Lulju. Dawn ix-xogħlijiet jistgħu jikkawżaw l-abbandun temporanju ta' dawn l-għasafar minn din iż-żona u inaqqas is-suċċess tat-tgħammir tagħhom. Dan jista' jwassal għat-telf tas-siti tal-bejta, u jikkawża nuqqas ta' riproduzzjoni għal dawn it-tliet speċijiet.

Il-kostruzzjoni tal-MRF, inkluża ż-żieda fit-traffiku tul it-toroq t'aċċess se tiġġenera livelli ta' storbju u vibrazzjonijiet elevati, li tista tħalli impatti negattivi moderati fuq l-għasafar tal-madwar.

Id-dawl artifiċjali bil-lejl (ALAN) huwa wkoll magħruf li jagħmel ħsara lill-għasafar, inklużi l-għasafar tal-baħar. L-iżvilupp propost mhuwiex viżibbli direttament mill-ebda siti tal- tal-għasafar tal-baħar. Madankollu, kolonja pjuttost kbira t' għasafar tal-baħar *P.yelkouan* tinsab fuq il-Gżejjer ta' San Pawl madwar 5 kilometri 'il bogħod mis-sit tal-kostruzzjoni. Żieda fl-ALAN matul il-kostruzzjoni bil-lejl, speċjalment minn Frar sa Lulju, jista' jkollha impatt negattiv fuq 45-70 par f'din il-kolonja. ALAN jaffettwa wkoll b'mod negattiv imma moderat lill-għasafar li jpassu bil-lejl b'mod ġenerali.

Huwa rakkomandat li x-xogholijiet waqt il-fażi ta' kostruzzjoni jżommu mal-konfini stabilliti tas-sit sabiex ma jkunx hemm impatti fuq iż-żoni tal-madwar. Huwa importanti wkoll li x-xogħolijiet ma jsirux matul il-lejl. Dawn il-miżuri għandhom jipprevjenu impatti sinifikanti fuq il-popolazzjonijiet tal-għasafar tal-baħar u l-annimali fis-siti fil-qrib.

L-istorbju u l-emissjonijiet atmosferiċi minn żieda fl-attività tal-vetturi waqt l-istadju operattiv tal-faċilita' se jintroduċu impatti ġodda fil-madwar. Dawn l-attivitajiet huma kklassifikati bħala impatti negattivi u minuri.

Is-separazzjoni u t-trattament tal-iskart ġewwa l-faċilita' proposta jista' jkollhom diversi impatti indiretti ta' benefiċċju fuq l-għasafar. Dan għaliex huwa mistenni li jonqos il-materjal li jintefa' fil-miżbla inkluż l-iskart tal-plastik li bħalissa jinsab aċċessibbli fil-miftuħ għall-għasafar u faċilment jista' jispiċċa fil-baħar.

*Pellets* tal-plastik, jistgħu faċilment jaqaw mill-produzzjoni, l-immaniġġjar u t-trasport tal-materjali mill-impjant. Ladarba fl-ambjent, dawn ir-residwi tal-plastik kapaċi jassorbu tossini u kimiċi perikolużi, li jistgħu jidħlu fil-katina alimentari u jkollhom impatt negattiv fuq l-għasafar u annimali selvaġġi oħra. Barra minn hekk, it-trasport, l-immaniġġjar u l-ħażna ta' kwantitajiet kbar ta' materjal se jkun qed iżid ir-riskju ta' nirien madwar is-sit.

# 8.0 AGRIKOLTURA

Il-valutazzjoni tal-art agrikola tas-sit turi li din l-art għandha limitazzjonijiet serji għall-biedja minħabba li fiha żoni t'għeruq baxxi, preżenza qawwija ta' ġebel, kapaċità fqira li l-ħamrija żżomm l-umdità kif ukoll fertilità baxxa.

Dawn il-kundizzjonijiet jillimitaw il-produttività agrikola u jistgħu jwasslu għall-abbandun tal-art mill-bdiewa. Il-viċinanza tas-sit mal-baħar tagħmel l-art vulnerabbli għall-isprej tal-baħar. L-ammonti kbar ta' trabijiet iġġenerati mil-miżbla fil-viċinanzi jkompli jiggrava din is-sitwazzjoni. Mingħajr provvista t' ilma disponibbli, l-art hija adattata biss għat-tkabbir tat-tiben. Il-ħamrija fqira u x-xita inkonsistenti jkomplu jnaqqsu l-potenzjal għall-produzzjoni tal-ħxejjex u l-frott.

L-impatt ambjentali tal-faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart fil-Magħtab huwa sinifikanti għall-użu sostenibbli tal-art rurali. Il-konverżjoni t' art agrikola u żoni naturali fil-qrib f'bini, tnaqqas l-ispazju naturali disponibbli u tfixkel l-ekosistemi eżistenti. Din il-bidla mhux biss tnaqqas iż-żoni ekoloġiċi iżda tista' twassal ukoll għal problemi bħal żidiet fit-temperatura lokali, aktar tnixxija u għargħar, żieda fit-tniġġis, u tnaqqis fil-produzzjoni tal-għalf.

Filwaqt li l-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-iżvilupp propost se jwasslu għal telf ta' art agrikola, l-impatt huwa minimu minħabba iż-żona limitata u l-kwalità fqira tal-art involuta.

# 9.0 ARKEOLOĠIJA U WIRT KULTURALI

Iż-żona ta' interess tinkludi art agrikola li matul iż-żmien ġiet mibdula f'għelieqi mtarrġa li fiha strutturi bħal ħitan u barrakki tal-ġebel. Hemm ukoll fdalijiet megalitiċi fil-qrib, li jindikaw li ż-żona ilha abitata minn żminijiet preistoriċi. Xi wħud minn dawn il-ġebel tal-qedem intużaw biex jinbnew strutturi rurali oħra. Madankollu, ftit hemm dokumentazzjoni storika dwar l-użu tal-art fiż-żona.

Il-karatteristika ewlenija tal-wirt fiż-żona huma l-Megaliti 'Taz-Żebbuġija', li jinsabu madwar 100 metru mill-iżvilupp propost. Dawn mhux mistennija li se jiġu affettwati direttament mix-xogħlijiet proposti fuq il-faċilita'. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li ż-żona hija mmarkata bħala żona arkeoloġika potenzjali.

Diversi barrakki tal-ġebel li jinstabu fiż-żona ta' interess x'aktarx li se ssirilhom ħsara waqt li jkun qed iseħħ ix-xogħol fuq l-iżvilupp. Dawn il-barrakki kienu jipprovdu kenn lill-bdiewa u lill-bhejjem. Dawn l-istrutturi darba kienu komuni madwar Malta u issa jinsabu l-aktar fin-naħa ta' fuq tal-gżira. Huma protetti bil-liġi minħabba l-valur arkitettoniku, kulturali u etniku tagħhom. Ir-regolamenti jipprojbixxu l-alterazzjoni jew it-twaqqigħ ta' ħitan tas-sejjieħ u strutturi rurali biex tiġi ppreservata l-integrità tagħhom.

L-istudju jindika li l-iżvilupp propost se jkollu impatt dirett u negattiv fuq il-karatteristiċi kulturali fiż-żona, filwaqt li jkollu impatt minimu jew l-ebda impatt dirett fuq il-karatteristiċi kulturali magħrufa fit-tarf taż-żona.

Minħabba l-potenzjal li jinstabu fdalijiet kulturali mhux magħrufa taħt il-ħamrija, huwa rakkomandat li jkun hemm arkeoloġista preżenti waqt kwalunkwe attività ta' tħammil tal-art. Dan jgħin biex tiġi żgurata l-preservazzjoni ta' kwalunkwe karatteristika kulturali li tista' tinkixef. Barra minn hekk, huwa rrakkomandat li tinżamm distanza ta' mill-inqas 50 metru mis-siti ta' wirt kulturali li ġew identifikati biex tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom.

# 10.0 STORBJU U VIBRAZZJONI

Il-valutazzjoni segwiet standards u linji gwida rilevanti dwar l-istorbju. Għall-attivitajiet ta' kostruzzjoni, l-istudju kkonkluda li l-livelli ta' storbju bi nhar fejn l-eqreb residenti mhumiex mistennija li jaqbżu l-limiti stabbiliti. Peress li l-istorbju tal-kostruzzjoni se jkun temporanju u previst għall-agħar xenarji, m'huma mistennija l-ebda effetti sinifikanti fit-tul.

Biex jitnaqqsu aktar l-impatti potenzjali tal-istorbju, għandhom jiġu implimentati diversi miżuri ta' mitigazzjoni tal-kostruzzjoni. L-emissjonijiet tal-istorbju għandhom jiġu kkunsidrati meta jintgħażlu l-impjanti u tagħmir fuq il-post. It-tagħmir kollu għandu jinżamm f'kondizzjoni tajba u mgħammar b'silencers, jew koperti akustiċi xierqa fejn applikabbli. Sorsi ta' storbju stazzjonarji għandhom jitqiegħdu kemm jista' jkun 'il bogħod minn żoni sensittivi għall-istorbju, u jintużaw barrieri akustiċi jekk meħtieġ. Il-movimenti tal-vetturi lejn u mis-sit irid jkun ikkontrollat, u l-impjegati iridu jingħataw struzzjonijiet biex jikkonformaw mal-miżuri ta' kontroll tal-istorbju.

L-istorbju mill-operat tal-faċilita' tal-iskart, inkluż il-movimenti tal-vetturi fuq il-post, kien imbassar bl-użu ta' mudelli diġitali tal-ħoss. Għaż-żoni residenzjali, l-istħarriġ bi nhar u bil-lejl wera li l-livelli tal-istorbju fl-eqreb riċetturi ma jindika l-ebda effett sinifikanti. Għaż-żoni ekoloġiċi, mhux mistenni li jinqabżu l-valuri tal-limiti stabbiliti, għalhekk mhux prevvist li jkun hemm ebda impatt sinifikanti.

Il-valutazzjoni kumulattiva tal-istorbju, meta qieset żviluppi oħra fil-qrib, ikkonkludiet li l-livelli ġenerali tal-istorbju kemm mill-kostruzzjoni kif ukoll mill-operat mhux mistenni li jkollhom effett sinifikanti.

# 11.0 INFRASTRUTTURA U UTILITAJIET

Waqt ix-xogħlijiet ta’ kostruzzjoni, se tingħata attenzjoni biex ma ssirx ħsara lill-infrastruttura u l-utilitajiet eżistenti qrib is-sit tal-iżvilupp. Filwaqt li m'hemm l-ebda utilitajiet direttament fis-sit propost, l-infrastruttura fil-qrib tinkludi bankini, crash barriers, idranti tan-nar, lampi tat-toroq, u ċnut.

Ir-rotta ppjanata għat-tieni interkonnettur tgħaddi qrib is-sit iżda hija separata mill-miżbla ta’ Żwejra. Vetturi tal-kostruzzjoni li huma mistennija li jaċċessaw is-sit minn nofsinhar tal-kumpless, fejn huma ppjanati wkoll xogħlijiet fuq l-interconnector, iridu jaderixxu mal-prekawzjonijiet neċessarji biex jipproteġu l-infrastruttura eżistenti.

Fi ħdan il-kumpless ECOHIVE, l-infrastruttura eżistenti li hija proprjetà ta’ Wasteserv Malta tinkludi diversi lampi tat-toroq u ċnut madwar bini eżistenti. Dawn l-utilitajiet jistgħu jeħtieġu tiswijiet jew tibdil, għalhekk il-kuntrattur se ikollu bżonn jikkoordina ma’ Wasteserv Malta biex tiġi evitata ħsara aċċidentali waqt il-kostruzzjoni. Kwalunkwe ħsara bħal din tiġi msewwija fil-pront bi spejjeż tal-kuntrattur.

Konnessjonijiet ġodda mas-servizzi tal-ilma u tal-elettriku fi ħdan il-kumpless ECOHIVE waqt il-kostruzzjoni jista' jikkawża interruzzjonijiet lokali temporanji fl-operat tal-faċilitajiet tal-iskart. Dawn l-interruzzjonijiet mistennija jkunu minuri u lokalizzati.

Kumpaniji terzi tal-utilitajiet ikkonfermaw li, apparti t-tieni cable interconnector tal-Enemalta, m'hemm l-ebda utilitajiet pubbliċi jew privati oħrajn fis-sit propost jew fil-madwar, u b'hekk l-impatti potenzjali waqt ix-xogħlijiet t-tħaffir huma mminimizzati.

Ladarba titħaddem, il-faċilità se ssaħħaħ il-kapaċità li Malta tipproċessa skart riċiklabbli, u tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-miri u obbligi ta' riċiklaġġ internazzjonali. Iż-żieda fit-traffiku lejn u mis-sit mhux antiċipat li jaffettwa l-infrastruttura u l-utilitajiet tal-madwar.

# 12.0 IMPATTI OĦRAJN

## 12.1Tibdil fil-klima u adattament għall-bidla fil-klima

Il-kostruzzjoni tal-faċilita' jista' jkollha impatti kemm diretti kif ukoll indiretti fuq it-tibdil fil-klima. It-telf t'art rurali u l-kostruzzjoni t'art simentata, tnaqqas l-iċċarġjar naturali tal-ilma tal-pjan u żżid it-tnixxija waqt xita qawwija, li potenzjalment iwassal għal għargħar aktar frekwenti aggravat mill-impatti tat-tibdil fil-klima.

Madankollu, il-bini u t-tħaddim tal-impjant ġdid joffri wkoll benefiċċji sinifikanti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Ir-riċiklaġġ tal-materjali jnaqqas id-domanda għall-materja prima, inaqqas il-konsum tal-enerġija, u jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-manifattura ta' prodotti ġodda. Bid-devjazzjoni ta' dan l-iskart mill-miżbliet, il-faċilita' il-ġdida tista' tgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan, gass serra qawwi pprodoċut waqt id-dekompożizzjoni tal-iskart f'kundizzjonijiet anerobiċi.

Biex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli, huwa kruċjali li jiġu implimentati miżuri li jtaffu l-impatti negattivi tal-faċilita' fuq it-tibdil fil-klima. Dan jista' jinkludi l-installazzjoni ta' sistemi ta' drenaġġ urban sostenibbli (SUDSs) biex itejbu l-iċċarġjar mill-ġdid tal-ilma ta' taħt l-art u jnaqqas it-tnixxija.

Ir-rwol tal-faċilita' fl-istrateġija ta' Malta għall-immaniġġjar tal-iskart u l-kapaċità tagħha li żżid ir-rati ta' riċiklaġġ huma fatturi ewlenin fil-valutazzjoni tal-adattabilità għall-effetti futuri tat-tibdil fil-klima. Billi tiffoka fuq ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-materjal, il-faċilità tappoġġja ekonomija ċirkolari fejn l-iskart jiġi minimizzat, ir-riżorsi jerġgħu jintużaw, u jiġu promossi prattiċi sostenibbli. Dan mhux biss inaqqas l-impronta tal-karbonju tal-iskart iżda jsaħħaħ ukoll ir-reżiljenza għal avvenimenti estremi tat-temp billi jtejjeb il-ġestjoni ambjentali ġenerali u t-tħejjija għad-diżastri. L-integrazzjoni tal-impjant fis-sistemi nazzjonali tal-iskart tista' ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-komunità u tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-isforzi ta' adattament għat-tibdil fil-klima.

## 12.2Riskji Ambjentali

L-istudju dwar ir-riskju ambjentali ivvaluta kwalunkwe riskju rilevanti, inklużi xenarji ta' inċidenti kbar bħal kontaminazzjoni, emissjonijiet, splużjonijiet, u għargħar li jistgħu jseħħu waqt il-proġett.

**Riskji ambjentali mhux kontinwi**

1. Tniġġis ta' saffi ġeoloġiċi permezz ta' tixrid ta' kimiċi, żjut u karburanti.
2. Tniġġis tal-Akwifer tal-Livell Medju tal-Baħar ta' Malta permezz ta' tixrid ta' żejt jew fjuwils
3. Tniġġis tal-ambjent tal-baħar tal-madwar permezz tat-tixrid ta' kimiċi, żjut u karburanti

4. Ġenerazzjoni ta' trabijiet minn xogħlijiet li jistgħu jaffettwaw ir-riċetturi sensittivi tal-madwar
5. L-instabilità tal-blat/tal-ħamrija li tista' tħalli impatt fuq il-karatteristiċi ekoloġiċi/agrikoli fil-qrib tal-użi tal-art
6. Tixrid ta' materjal skavat waqt it-trasport
7. Emissjonijiet ta' trab mit-trasport ta' materjal ta' skart tal-blat
8. Telf ta' speċi ta' veġetazzjoni endemika/protetta permezz ta' tgħaffiġ u skavar ta' trinek

**Riskji ambjentali eċċezzjonali**

9. Instabilità tal-infrastruttura minħabba terremoti
10. Ħsara lill-ambjent tal-madwar minn splużjoni/nar

Il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tevalwa l-maġġoranza tar-riskji bħala moderati. Attivitajiet ta' riskju għoli jinkludu riskji ambjentali ta' darba assoċjati ma' avvenimenti eċċezzjonali tat-temp u/jew fenomeni naturali. Il-valutazzjoni tikkonkludi li r-riskju ambjentali ġenerali assoċjat mal-proġett huwa ta' livell moderat. L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni xierqa tista' tnaqqas is-severità ta' dawn ir-riskji.

## 12.3Populazzjoni umani

Ġew identifikati wkoll għadd ta' impatti fuq il-popolazzjonijiet umani. L-impatti previsti matul il-fażi tal-kostruzzjoni jinkludu:

- Ġenerazzjoni ta' trab: Tnaqqis fil-kwalità tal-arja għar-residenti fil-qrib.
- Ġenerazzjoni ta' ħoss u vibrazzjonijiet: Żieda fil-livelli ta' storbju u vibrazzjoni fiż-żona tal-madwar li taffettwa r-residenti lokali u l-bini kummerċjali fil-qrib.

L-impatti previsti matul il-fażi operattiva jinkludu:

- Kwalità tal-arja u tibdil fil-klima: Il-potenzjal għall-faċilità li żżid ir-rati ta' riċiklaġġ tal-pajjiż u tnaqqas il-gassijiet b'effett ta' serra fuq skala nazzjonali.
- Is-settur tal-ġestjoni tal-iskart nazzjonali: l-impjant il-ġdid huma mistenni li jikseb riżultati aħjar għar-rati ta' riċiklaġġ u jnaqqas il-pressjonijiet fuq il-bżonn li nkabbru l-miżbliet

## 12.4Impatti Kumulattivi

L-iżvilupp tal-faċilitajiet kollha proposti ġewwa l-kumpless ECOHIVE (l-impjant tal-enerġija mill-iskart, l-impjant tal-iskart organiku, faċilità għall-irkupru tal-materjali riċiklabbli, u faċilità għat-trattament tal-iskart perikoluż) huwa mistenni li joħloq taħlita t' effetti negattivi u pożittivi, b'xi impatti jsiru aktar sinifikanti meta l-proġetti kollha jiġu kkunsidrati flimkien.

1. Karatteristiċi u użi tal-art u l-baħar tal-madwar: se jkun hemm impatt negattiv kbir fuq l-art agrikola u l-ekosistemi tal-madwar, prinċipalment minħabba l-art li se

tittieħed għal użu industrijali. Miżuri bħall-kontroll tat-trab u t-twaqqif ta’ żoni definiti għal kostruzzjoni jistgħu jnaqqsu dan l-impatt.

2. Impatt tal-pajsaġġ u impatti viżwali: se jkun hemm impatt kumulattiv negattiv fuq skala moderat sa kbir fuq il-veduti tal-madwar meta jiġu kkunsidrati l-kostruzzjoni u l-operat tal-faċilitajiet proposti għall-immaniġġjar tal-iskart fiż-żoni li bħalissa mhumiex mibnija fil-kumpless ECOHIVE.
3. Ġeoloġija, ħamrija, u idroġeoloġija: il-faċilitajiet proposti se jikkawżaw erożjoni, trab, u telf ta’ ħamrija fertili miż-żona. Hemm ukoll riskju ta’ tniġġis minn tixrid ta’ żjut u kimiċi aċċidentali. Dawn l-effetti flimkien huma aktar serji minn meta kkunsidrati għal kull proġett f’iżolament.
4. Korpi tal-ilma: is-sostituzzjoni t’art agrikola b'uċuħ mibnija u impermeabbli jżid ir-riskju ta' tnixxija u għargħar fiż-żona. L-istudju juri impatti negattivi moderati, b'ċansijiet ogħla t' għargħar meta Malta tesperjenza xita qawwija, anke jekk huwa ppropost li jkun hemm miżuri ta’ mitigazzjoni fil-kumpless, bħall-użu mill-ġdid tal-ilma tax-xita.
5. Ekoloġija: dawn il-faċilijiet proposti fiż-żona qed jifframmentaw l-art agrikola u l-abitati (siġar), li fuqhom jiddependu l-fawna li tgħix fil-madwar (speċjalment l-għasafar, il-friefet il-lejl, u r-rettili). Dan jista’ iwassal għal spostament ta' speċi, tnaqqis fis-suċċess tat-tnissil, u żieda fl-imwiet (eż., ħabtiet mal-bini industrijali jew mal-vetturi tal-iskart). Xi miżuri ta’ mitigazzjoni huma possibbli, iżda l-impatti ġenerali jibqgħu negattivi.
6. Art agrikola: se jkun hemm telf permanenti t' art agrikola u aktar frammentazzjoni tal-art li fadal. Filwaqt li l-għelejjel u l-bhejjem jistgħu ma jiġux affettwati ħafna mit-tniġġis, l-impatt usa' huwa moderatament negattiv, u jikkontribwixxi għat-telf tal-abitati, temperaturi ogħla, u żieda fir-riskju t' għargħar.
7. Arkeoloġija u wirt kulturali: iż-żona diġà hija milquta minn attività industrijali, u aktar żvilupp se jaggrava l-pajsaġġ kulturali, u jwassal għal impatt negattiv kbir fuq il-valur u l-ambjent tal-wirt.
8. Storbju u vibrazzjoni: kemm il-livelli ta' storbju mill-kostruzzjoni kif ukoll dawk operattivi huma mistennija li jibqgħu taħt il-limiti ta' ħsara. L-impatti tal-istorbju huma mistennija li jkunu ta’ natura minuri u mhux sinifikanti, inkluż fid-djar li jinsabu fil-qrib u f'żoni ekoloġiċi.
9. Infrastruttura u utilitajiet: l-impatti fuq l-infrastruttura huma minuri u maniġġabbli, minkejja li se jkunu meħtieġa konnessjonijiet ġodda. Dawn il-faċilitajiet proposti se jkunu qed itejbu s-sistema ta' ġestjoni tal-iskart ta' Malta, u jnaqqsu d-dipendenza fuq il-miżbliet. Minħabba f’hekk dan l-impatt kumulattiv huwa mistenni li jkun wieħed pożittiv.
10. Emissjonijiet Atmosferiċi: l-emissjonijiet miċ-ċmieni tal-impjant tal-enerġija mill-iskart u mill-impjant tal-iskart perikoluż, kif ukoll ll-irwejjaħ li jistgħu joħorġu mill-ħażna ta' materja organika u skart huma mistennija li jirriżultaw f'impatti kumulattivi negattivi minuri sa moderati fiż-żona.

L-aktar impatti kumulattivi sinifikanti huma relatati mat-telf t’ art agrikola, disturbi ekoloġiċi, degradazzjoni tal-ħamrija, u bidliet fil-pajsaġġ kulturali. L-impatti tal-istorbju u tal-

infrastruttura huma minuri, filwaqt li t-titjib fil-ġestjoni tal-iskart jipprovdi benefiċċju nazzjonali.

## 12.5 Dekummissjonar tal-proġett

L-impjant propost huwa mistenni li jopera għal 20 sena. Il-komponenti ewlenin tal-ippjanar tad-dekummissjonar jinkludu t-tħejjija tal-pjanijiet inizjali u finali tad-dekummissjonar, il-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa, l-istima tal-ispejjeż, u l-iżgurar tar-riżorsi finanzjarji għall-proġett. Dawn il-pjanijiet se jiġu sottomessi għal reviżjoni regolatorja u konsultazzjoni pubblika skont ir-rekwiżiti nazzjonali, li jiżguraw trasparenza u konformità. It-tindif, it-tneħħija u r-rimi tal-materjali se jiġu kkunsidrati bir-reqqa wkoll.

Diversi għażliet ta' dekummissjonar huma adattati għall-faċilita'. Il-preservazzjoni tal-istrutturi u l-makkinarju għal użu potenzjali fil-futur, bis-sorveljanza tal-gvern biex tiġi żgurata l-konformità u r-riabilitazzjoni ambjentali hija waħda mill-possibiltajiet. Jista jseħħ wkoll id-dekummissjonar parzjali tal-faċilità li jippermetti l-għeluq ta' sezzjonijiet speċifiċi filwaqt li jinżammu komponenti li jistgħu jerġgħu jintużaw. Id-dekummissjonar sħiħ tas-sit hija soluzzjoni oħra li tinvolvi għeluq komprensiv biex jittaffew il-perikli biex b'hekk is-sit jkun jista jsir użu jew żvilupp mill-ġdid sigur fil-futur. Kull approċċ għandu l-għan li jimminimizza t-tfixkil u jiżgura ġestjoni responsabbli tal-fażi ta' tmiem il-ħajja tal-faċilità.